**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 555/18**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shawn Pawney)**

**Vs**

**Saleh Zedan**

**Illum 27 ta' Mejju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' Saleh Zedan ta' sitta u għoxrin (26) sena, bin Abid u Foz neè Zedan, imwieled is-Sirja fl-1 ta' Jannar 1992 u residenti 9, Rose Marie, Flat 5, Triq Monsinjur DePiro, Ħamrun, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 112300(A), talli fid-29 ta' Awwissu 2018, għall-ħabta tad-disgħa neqsin kwart ta' filgħaxija (8:45p.m.) u/jew ħinijiet oħra, ġewwa l-fond numru 7 li jinsab fi Triq Bjaġju Galea, Ħal Tarxien, u/jew f'dawn il-gzejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Naser Abdullah, liema offiża ġiet ikkawżata b'arma regolari jew bi strument li jaqta' jew iniggez bi ksur ta' l-Artikoli 216 u 217 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi ħebb għal Naser Abdullah u/jew persuni oħra biex jinġurjahom, idejjaqhom jew jagħmillhom ħsara bi ksur ta' l-Artikolu 339 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-buon ordni jew kwiet pubbliku bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta ta' Naser Abdullah u tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex tapplika l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta ta' Naser Abdullah;

Rat id-dokumenti markati Dok. "SP1" sa' Dok. "SP7" a fol. 3 sa' 16 tal-proċess;

Rat li waqt l-eżami l-imputat iddikjara li ma huwiex ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat id-Digriet mogħti fil-31 ta' Awwissu 2018 li bih l-imputat tqiegħed taħt Ordni ta' Protezzjoni a tenur ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li a fol. 27 u 28 tal-proċess hemm depożitati l-Passaport u l-Karta ta' l-Identità ta' l-imputat;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Shawn Pawney[2], ta' Naser Abdullah[3], ta' PS 1336 Luke Vella Cassia[4] u ta' Ahmed Zedan[5] mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Settembru 2018, rat is-sikkina esebita mill-Prosekuzzjoni markata Dok. "A" a fol. 42 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Nawaf Zidan[6], ta' Mohammed Saed Zedan[7], ta' Jamal Abdullah[8] , ta' Abdul Majid Abdullah[9] u ta' Nawaf Zidan[10] mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Settembru 2018, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Josef Mifsud mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2018[11] u x-xhieda ta' PC 837 Daniel Zammit[12] u ta' PC 1391 Matthew Camilleri[13] mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 2018, semgħet ix-xhieda ta' PC 913 Neil Pace mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Diċembru 2018[14] u x-xhieda ta' l-Espert Mediku t-Tabib Dr. Mario Scerri mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Jannar 2019[15] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "MS" a fol. 84 sa' 93 tal-proċess;

Rat id-Digriet tal-*prima facie* mogħti fil-25 ta' Settembru 2018[16];

Rat in-Nota ta' Rinviju ta' l-Avukat Ġenerali datata 11 ta' Frar 2019[17] li permezz tagħha bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

- L-Artikoli 17, 18, 31 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 214, 215, 216, 218 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 339(d), 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 383, 384, 385, 412Ċ, 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Fol. 21 tal-proċess.
[2] Fol. 33 sa' 35 tal-proċess.
[3] Fol. 36 u 37 tal-proċess.
[4] Fol. 38 sa' 41 tal-proċess.
[5] Fol. 44 sa' 48 tal-proċess.
[6] Fol. 56 u 57 tal-proċess.
[7] Fol. 58 tal-proċess.
[8] Fol. 59 u 60 tal-proċess.
[9] Fol. 61 u 62 tal-proċess.
[10] Fol. 63 tal-proċess.
[11] Fol. 70 tal-proċess.
[12] Fol. 72 sa' 74 tal-proċess.
[13] Fol. 75 u 76 tal-proċess.
[14] Fol. 80 u 81 tal-proċess.
[15] Fol. 83 tal-proċess.
[16] Fol. 64 tal-proċess.
[17] Fol. 95 tal-proċess.

Rat li waqt is-seduta tat-18 ta' Frar 2019[18], wara li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq, inqraw l-Artikoli u wara li l-Qorti staqsiet lill-imputat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jitmexxa bi proċedura sommarja, huwa ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2019[19] l-imputat iddikjara li huwa ħati ta' l-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena, minn liema sottomissjonijiet irriżulta li kemm id-Difiża kif ukoll il-Prosekuzzjoni jikkontendu li fil-każ in eżami ma hemmx il-ħtieġa ta' ħabs effettiv u sentenza sospiża tkun piena idoneja;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli fid-29 ta' Awwissu 2018, għall-ħabta tad-disgħa neqsin kwart ta' filgħaxija (8:45p.m.) u/jew ħinijiet oħra, ġewwa l-fond numru 7 li jinsab fi Triq Bjaġju Galea, Ħal Tarxien, u/jew f'dawn il-gżejjer: (i) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Naser Abdullah, liema offiża ġiet ikkawżata b'arma regolari jew bi strument li jaqta' jew iniggez bi ksur ta' l-Artikoli 216 u 217 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi ħebb għal Naser Abdullah u/jew persuni oħra biex jinġurjahom, idejjaqhom jew jagħmillhom ħsara bi ksur ta' l-Artikolu 339 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-buon ordni jew kwiet pubbliku bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Oriġinarjament l-imputat kien wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu iżda fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2019[20], wara li l-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha, l-imputat ma oġġezzjonax li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja w inqraw l-artikoli skond in-Nota ta' Rinviju ta' l-Avukat Ġenerali datata 11 ta' Frar 2019[21], li biha bgħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt l-Artikoli 17, 18, 31 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; l-Artikoli 214, 215, 216, 218 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; l-Artikoli 339(d), 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 383, 384, 385, 412Ċ, 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istess imputat iddikjara li huwa ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu.

Fid-dawl ta' l-ammissjoni da parte ta' l-imputat u anke fid-dawl tal-provi kollha li tressqu mill-Prosekuzzjoni tul is-smigħ tal-proċeduri, il-Qorti issib lill-imputat ħati:

---

[18] Fol. 96 tal-proċess.
[19] Fol. 99 tal-proċess.
[20] Fol. 99 tal-proċess.
[21] Fol. 95 tal-proċess.

(a) tar-reat ta' offiża gravi a tenur ta' l-Artikolu 216(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta iżda mhux tar-reat iktar gravi ta' offiża gravi u permanenti a tenur ta' l-Artikolu 218(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fin-Nota ta' Rinviju l-Avukat Ġenerali bgħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti kif maħsub *inter alia* fl-Artikolu 216 u fl-Artikolu 218 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda bl-indikazzjoni ta' l-Artikolu 218 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali effettivament bgħat lill-imsemmi imputat biex jiġi iġġudikat dwar reat iktar gravi minn dak illi ġie akkużat bih, ħaġa din li assolutament ma tistax issir.

Din l-osservazzjoni tal-Qorti ssib konferma f'dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Michael Carter, Appell Nru. 82/01** deċiża fis-7 ta' Diċembru 2001, u cioè *meta ... ir-rinviju għall-ġudizzju jsir skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 370 (u allura wieħed qed jitkellem fuq għall-anqas reat wieħed fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali) in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tassumi rwol simili għal dak ta' l-att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistgħux jiżdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni. L-Avukat Ġenerali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati w anke jżid skużanti. Bħal fil-każ ta' l-att ta' akkuża, jekk fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju taħt l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Ġenerali jakkuża lil xi ħadd bħala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Maġistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkużat (Art. 370(3)(ċ)), tista' issibu ħati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat ieħor anqas gravi iżda kompriż u involut f'dak ir-reat, jew bħala kompliċi f'dak ir-reat. In fatti din it-tielet ipoteżi kien il-punt prinċipali fis-sentenza ta' Seisun et (cioè li l-Qorti tal-Maġistrati, wara rinviju għall-ġudizzju skond l-Artikolu 370(3), tista' ssib lill-akkużat ħati bħala kopmliċi flok bħala l-eżekutur materjal; għandu jingħad ukoll, però, li f'din is-sentenza din il-Qorti, diversament presjeduta, ma jidhirx li apprezzat id-differenza bejn rinviju skond l-Art. 370(3) u rinviju skond l-Art. 433(5);* u

(b) Tar-reati kontemplati fit-tieni u fit-tielet akkużi dedotti fil-konfront ta' l-imputat.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li nonostante n-natura ta' l-akkużi dedotti fil-konfront ta' l-imputat, l-istess imputat għandu fedina penali netta u Naser Abdullah, il-vittma f'dawn il-proċeduri, iddikjara li *jiena m'qed infittex xejn mingħand l-imputat għaliex aħna rranġajna bejnietna*[22]. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li fis-sottomissjonijiet dwar il-piena avvanżati kemm mid-Difiża kif ukoll mill-Prosekuzzjoni, entrambe affermaw li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ sentenza sospiża tkun piena idoneja.

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 214, 215, 216(b), 338(dd) u 339(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat ħati tar-reat ta' offiża gravi a tenur ta' l-Artikolu 216(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll tar-reati kontemplati fit-tieni u fit-tielet akkużi dedotti fil-konfront tiegħu, tikkundannah għall-perijodu ta' sena (1) priġunerija iżda billi Hija tal-fehma li f'dan

[22] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Settembru 2018, fol. 36 u 37 tal-proċess.

il-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta, fosthom il-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta u id-dikjarazzjoni tal-vittma li ma huwa qed ifittex xejn mingħand l-imputat in kwantu rranġaw bejniethom, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' sena (1) priġunerija hawn impost għall-perijodu ta' sena (1) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

A tenur ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' €239.00 rappreżentanti l-ispejjeż in konnessjoni man-nomina tat-Tabib Dr. Mario Scerri bħala Espert Mediku għall-fini li jeżamina l-grieħi li ġarrab Naser Abdullah fl-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri.

A tenur ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurta ta' Naser Abdullah. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

In fine a tenur ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex izzomm il-bon ordni pubbliku ma' Naser Abdullah kif ukoll ma' kulħadd, qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nnfisu taħt penali ta' mitejn Euro (€200) għall-perijodu ta' sena (1) mid-data ta' din is-sentenza, liema obbligazzjoni qed tiġi anness ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-Artikolu 534AD tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti infurmat lill-imputat bid-dritt tiegħu li jingħata kopja tas-sentenza f'lingwa li jifhem, iżda l-imputat iddikjara li huwa sodisfatt bit-traduzzjoni orali li nghatatlus tas-sentenza waqt il-qari ta' l-istess sentenza.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**